**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 225/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spett. Mark Anthony Mercieca)**

**Vs**

**Josef Zammit**
**(K.I. 50492M)**

**Illum, 24 ta' Ġunju, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Josef Zammit**, ta' 29 sena, iben Josephine Tyler nee Zammit, imwieled il-Pietà, nhar il-5 ta' Jannar 1992 u residenti ġewwa Penthouse 3, Kelin Court, Triq Santa Tereża, Żabbar, detentur tal-Karta ta' l-identità bin-numru 50492M u akkużat talli ġewwa dawn il-Gżejjer nhar il-12 t'April 2021:

1. Attakajt jew għamilt reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma' titqiesx vjolenza pubblika kontra PS2009, PC2004, PC118, PC1397, PC1440, persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz

pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti;

2. Volontarjament ħassart, għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn 2500 Euro għad-dannu ta' diversi persuni u/jew entitajet u dan billi għamilt ħsara f'diversi vetturi ta' terzi (KBC416, LQZ393, AQZ483);

3. Soqt il-vettura ta' għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni CHR033 b'manjiera traskurata;

4. Soqt il-vettura ta' għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni CHR033 b'manjiera perikoluża;

5. Soqt il-vettura ta' għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni CHR033 b'manjiera bla kont;

6. Waqt li kont qed issuq il-vettura ta' għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni CHR033 għaddejt kontra sinjali li jindika li ma hemmx dħul (No entry);

7. Waqt li kont qed issuq il-vettura ta' għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni CHR033 inqast li tieqaf fuq sinjal tat-traffiku li jindika 'Stop'.

8. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-liġijiet ta' Malta

9. Talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta, fi żminijiet differenti liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew mħassra

10. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanza naqas milli jħares xi waħda w/jew iktar minn waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-qorti tal-Maġistrati (Malta), b'digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Neville Camilleri LL.D, datat nhar l-10 ta' Diċembru 2020 li permezz tiegħu huwa ingħata il-ħelsien minn l-arrest taħt diversi kundizzjonijiet.

F'każ ta' ħtija il-qorti kienet ukoll mitluba sabiex tordna lill-akkużat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 91) tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[1] datat it-13 ta' April 2021 sabiex Josef Zammit jiġi trattat bil-proċedura sommarja.

Rat l-Ordni mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta[2] datat it-13 ta' April 2021 sabiex Josef Zammit jiġi jitressaq quddiem din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat il-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2021, l-akkużat eżenta lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Rat is-sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

[1] A fol. 17 tal-atti proċesswali.
[2] A fol. 16 tal-atti proċesswali.

Ikkonsidrat;

Illi jirriżulta mix-xhieda tal-ispettur Mark Mercieca[3] li għal xi żmien, il-pulizija kienu qed jagħmlu osservazzjonijiet fuq l-akkużat minħabba li kellhom suspett li seta' kien involut f'reati ta' droga. Qal li dakinhar tat-12 ta' April 2021, l-Iskwadra ta' kontra d-Drogi fi ħdan il-korp tal-Pulizija waqfu lill-akkużat, li kien qed isuq vettura tat-tip Toyota Platz bin-numru ta' reġistrazzjoni CHR-033 f'Bormla u x'ħin l-uffiċjali tal-Pulizija[4] avviċinaw it-tieqa u identifikaw ruħhom, l-akkużat saq minn fuq il-post.

PS2009 Abigail Fenech xehdet[5] illi dakinhar tal-akkużi, hi flimkien ma' PC1440 u PC 2004 marru biex jeżegwixxu tlett mandati kontra l-akkużat. Qalet li ġiet informata minn kollegi li f'dak il-ħin, l-akkużat ħareġ mir-residenza tiegħu f'Ħaż-Żabbar u kien qed isuq lejn ir-residenza ta' missieru f'Bormla. F'Bormla, xi kollegi marru fuq il-vettura tiegħu u informawħ li kienu Pulizija. F'dak il-ħin l-akkużat saq minn fuq il-post u marru fuq il-post. X'ħin waslet fi Triq ix-Xatt, rat il-vettura li kien qed isuq l-akkużat u għalqulu t-triq. L-akkużat daħal fi Triq kontra l-one-way u baqa' jsuq sakemm wasal fi Vjal Kottoner. Waqt li kien għaddej minn dawn it-toroq hu ma waqaf għall-ebda Stop Sign jew dwal ħomor. Fi Triq Kottoner, l-akkużat prova jaqbeż karozza li kienet quddiemu u l-pulizija pprovaw jgħalqulu t-triq. L-akkużat daħal ġo vettura pparkjata u l-vetturi li kienu qed isuqu l-pulizija.[6] L-akkużat baqa' jsuq u f'ħin minnhom tela fuq ir-roundabout u baqa' għaddej dritt sakemm ftit wara waqfuħ. L-uffiċjali tal-pulizija għamlu tfittxija fil-vettura u ġew elevati tlett mobile phones u mazz flus li jammontaw għal €1,370. Minn hemmhekk huma marru fir-residenza ta' l-akkużat sabiex ikomplu bit-tfittxijiet tagħhom. Għamlu wkoll tfittxija f'vettura oħra bin-numru ta' reġistrazzjoni JBD-448 fejn instab *joint* maħruq. PS118 Emanuel Joe Borg żied jgħid[7] li waqt li l-akkużat kien qed isuq fit-toroq ta' Bormla, beda jsuq

[3] Ara x-xiehda mogħtija fis-16 ta' April 2021 a fol. 110 tal-atti proċesswali.
[4] Ara x-xiehda ta' PS118 mogħtija fis-16 ta' April 2021 a fol. 121 tal-atti proċesswali.
[5] Ara x-xiehda mogħtija fis-16 ta' April 2021 a fol. 117 tal-atti proċesswali.
[6] Ara wkoll ix-xiehda ta' PC1560 Kevin Borg mogħtija nhar il-21 ta' Jannar 2021 a fol. 70 tal-atti proċesswali.
[7] Ara x-xiehda mogħtija fis-16 ta' April 2021 a fol. 121 tal-atti proċesswali.

bis-saħħa u anke ħa break biex itellifhom u baqgħu dieħlin fiħ. Qal li saq perikoluż u anke f'ħin minnhom tela' fuq bankina biex jaħrab. In kontro-eżami xehed[8] illi huma kienu liebsin pajżan u kienu f'vettura pajżana wkoll. Lemħu lill-akkużat qed isuq Toyota Platz, bin-numru ta'reġistrazzjoni CHR-033. Qal li kien hemm trukk tad-delivery u l-akkużat waqaf warajħ. Sakemm laħaq niżel il-kollega tiegħu, it-trukk saq 'l hemm. Qal li finalment, l-akkużat waqaf bil-vettura għal kellu puncture u x'ħin waqaf ma offra ebda reżistenza lill-pulizija. Illi PC1397 Ludwig Farrugia xehed[9] li hekk x'ħin identifika lilu nnifsu miegħu meta waqfuħ l-ewwel darba waqt li l-akkużat kien wieqaf f'Bormla, l-akkużat ħarab minn fuq il-post bil-karozza u saq b'mod perikoluż.

PC2004 Cherise Camilleri xehdet[10] illi dakinhar hi flimkien ma' PS2009 u PC1440 raw lill-akkużat quddiem ic-Chick King u x'ħin pprovaw iwaqqfuħ, hu ħarab minn fuq il-post bil-karozza.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel akkuża miġjuba fil-konfront tal-imputat hija dik li attakka jew għamilt reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma' titqiesx vjolenza pubblika kontra PS2009, PC2004, PC118, PC1397, PC1440, persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi dakinhar tat-12 ta' April 2021, numru ta' uffiċjali tal-pulizija kienu qed isegwu l-passi tal-akkużat b'rabta ma' operazzjoni relatata ma investigazzjoni dwar drogi. L-akkużat kien qed isuq il-vettura tat-tip Toyota Platz bin-numru ta' reġistrazzjoni CHR-033 u telaq mid-dar tiegħu f'Ħaż-Żabbar. Waqt li kien dieħel Bormla, fit-triq kien

[8] Ara x-xiehda mogħtija fl-4 ta' April 2023 a fol. 132 tal-atti proċesswali.
[99] Ara x-xiehda mogħtija fis-16 ta' April 2021, a fol. 127 tal-atti proċesswali.
[10] Ara x-xiehda mogħtija fis-16 ta' April 2021, a fol. 124 tal-atti proċesswali.

hemm trukk u l-akkużat waqaf bil-vettura tiegħu warajħ. PS118 Emanuel Joe Borg u PC1397 Ludwig Farrugia ħadu l-okkażjoni biex iwafquħ u PC1397 mar fuq il-vettura tal-akkużat u identifika ruħu bħala Pulizija. Illi mill-provi jirriżulta li, tal-inqas PS118 Emanuel Joe Borg u PC1397 Ludwig Farrugia, kienu liebsin pajżan u kellhom vettura pajżana wkoll. Illi madanakollu, huma pprovaw iwaqqfuħ waqt li kienu qed jagħmlu xogħolhom u b'rabta ma' mandat ta' arrest maħruġ minn din il-Qorti diversament ippresjeduta. Irriżulta li x'ħin ra hekk, l-akkużat ħarab bil-vettura tiegħu u minn hemm bdiet *car chase* bejn l-akkużat u l-pulizija. Illi PS2009, PC2004, PC118 u PC1397 kollha ddeskrivew li kienu qed isuqu warajħ jipprovaw iwafquħ.

Illi fil-fehma tal-Qorti, mill-mument li PC1397 identifika ruħu miegħu, sal-mument li effettivament waqaf bil-vettura tiegħu, l-akkużat kien jaf preċiżament ir-raġuni li diversi uffiċjali tal-pulizija kienu qed isegwuħ bil-vetturi. Jekk kien hemm xi dubju f'moħħu, PS118 Emanuel Joe Borg ikkjarifikaħulu meta ġew tieqa ma tieqa u qallu biex jieqaf. Żgur li tal-inqas minn dak il-mument 'l quddiem, kull ħarba li kien qed jagħmel l-akkużat kienet bi ksur lampanti tal-ordni mogħtija lilu, fil-minimu, minn PS118 Emanuel Joe Borg.

Illi b'hekk, fil-fehma tal-Qorti, il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-elementi kollha rikjesti għal din l-ewwel akkuża, b'dan illi, però, ir-reat twettaq minn persuna waħda, u b'hekk huwa l-paragrafu (a) tal-Aritkolu 96 tal-Kap. 9 li huwa applikabbli.

Ikkonsidrat;

Illi jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-istess uffiċjali tal-Pulizija illi b'riżultat ta' din il-car chase, l-akkużat ikkawża danni f'diversi vetturi. Illi filfatt, ir-

rappreżentant ta' Burmarrad Commercials xehed[11] rigward il-vetturi bin-numru ta' reġistrazzjoni LQZ-393 u AQZ-483 u li saru r-riparazzjonijiet fuq vettura minnhom. Hu ppreżenta kont fir-rigward tal-ħsarat ikkaġunati lill-vettura bin-nurmu ta' Reġistrazzjoni AQZ-483 fl-ammont totali ta' €1,950.34[12] kif ukoll survey fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LQZ-393 fl-ammont ta' €2,538.43 flimkien ma excess ta' €150.[13]

Illi dwar il-vettura bin-numru ta' Reġistrazzjoni KCB-416, Francesco Rizzuto xehed[14] huwa l-propjetarju ta' din il-vettura u li dakinhar tat-12 ta' April 2021 il-vettura tiegħu kienet ipparkjata quddiem id-dar tiegħu fi Vjal Kottoner, il-Fgura. Huwa ħareġ mid-dar u sab il-vettura tiegħu iddanneġġjata. Hu ppreżenta survey tad-danni fl-ammont ta' €2,010.21.[15]

Illi fir-rigward tar-responsabilità tad-danni, il-Qorti ma tara ebda raġuni għalfejn għandha tiddubita l-verżjoni tal-uffiċjali tal-Puilzija u ta' Francesco Rizzuto li, del resto, hija kkorroborata wkoll mix-xhieda ta' diversi uffiċjali tal-pulizija.

Illi dwar il-*quantum* tal-ħsarat, mandakollu, il-Qorti tinnota illi fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AQZ-483, ir-rappreżentant tad-ditta Burmarrad Commercials ippreżenta fattura bil-ġurament tiegħu fl-ammont ta' €1,950.34. Illi dwar il-vetturi bin-numru ta' reġistrazzjoni LQZ-393 u KCB-416, il-prosekuzzjoni ppreżentat biss survey report li ma ġiex ikkonfermat bil-ġurament mill-awtur tiegħu jew, tal-inqas, rappreżentant tas-soċjetà assikurattiva li ħarġithom sabiex tikkonferma l-ammonti hemm indikati. B'hekk din il-Qorti ser ikollha tiskarta l-valuri indikati f'dawn is-surveys għall-finijiet ta' kalibrar tal-piena u anke ai fini tal-Artikolu 15A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[11] Ara x-xiehda mogħtija fid-29 ta' Novembru 2021 a fol. 53 tal-atti proċesswali.
[12] Ara fol. 57 tal-atti proċesswali.
[13] Ara fol. 58 tal-atti proċesswali.
[14] Ara x-xhieda mogħtija fid-29 ta' Novembru 2021 a fol. 61 tal-atti proċesswali kif ukoll dik mogħtija nhar il-21 ta' Jannar 2022 a fol. 73 tal-atti proċesswali.
[15] Ara fol. 64 tal-atti proċesswali.

Illi b'hekk il-Qorti tqis li għalkemm il-prosekuzzjoni rnexxielha tissodisfa l-element tar-responsabilità taħt din l-akkuża irnexxielha tipprova biss *in parte* l-quantum tad-danni kkawżati.

Ikkonsidrat;

Illi l-Qorti ser titratta t-tielet, ir-raba u l-ħames akkużi flimkien.

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti tagħmel referenza għall-insenjament mogħti fis-sentenza I**l-Pulizija vs Alfred Mifsud**[16] fejn ġie ritenut illi:

> *"...din il-Qorti hi tal-fehma li jkun utili li wieħed jiddistingwi bejn is-sewqan b'nuqqas ta' kont, is-sewqan traskurat u s-sewqan perikoluż imsemmija fil-paragrafu (1) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 15 ta l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) (reckless driving, negliġenti driving u dangerous driving fit-test Ingliż).* ***Sewqan traskurat*** *(negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalità ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat.* ***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilità ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji.* ***Sewqan perikoluż*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan*

[16] Il-Pulizija vs Alfred Mifsud, Qorti tal-Appell Kriminali, 6 ta' Mejju 1997.

*kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjetà tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalità ta' l-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena il-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat u kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont perikoluż (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain****, Appell Kriminali 21/5/96);"*

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-*car chase* seħħet nhar it-12 ta' April 2021 figħodu. Seħħet fit-toroq ta' Bormla u fil-madwar u seħħet f'ħin fejn solitament ikun hemm il-persuni għaddejjin fit-triq. Di più, mix-xhieda rriżulta illi l-akkużat kien qed isuq b'saħħa kbira u saħansitra qabeż il-bankina, f'ħin minnhom, qabeż vettura li kienet quddiemu u anke baqa' jsuq fuq roundabout biex baqa' sejjer dritt qabel ma waqaf. Dan kollu bi speed eċċessiv.

Illi għalkemm ma tressqet ebda prova tal-ispeed li kien effettivament għaddej biħ l-akkużat, il-Qorti xorta hi tal-fehma li mill-mod kif kien qed isuq, fil-ħinijiet u l-lokalitajiet li kien qed isuq fihom, in-natura tas-sewqan kienet bla kont u dan għaliex l-istess akkużat, sabiex jeħles mill-uffiċjali tal-Pulizija li kienu qed isuqu warajħ, ħa riskji serji li qatt ma messu ħa waqt is-sewqan.

Illi b'hekk, anke in sintonija mal-bran appena ċitat fejn sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, il-Qorti hi tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-akkużi numru tlieta, erbgħa u ħamsa miġjuba kontra l-imputat.

Ikkonsidrat;

Illi l-Qorti sejra titratt wkoll is-sitt u s-seba akkużi miġjuba kontra l-akkużat.

Illi mix-xhieda tal-uffiċjali mogħtija quddiem din il-Qorti jirriżulta illi waqt din il-*car chase*, l-akkużat saq minn kontra l-one-way sabiex jaħrab mill-vettura ta' PS2009 meta kienet fi Triq ix-Xatt u xehdet illi l-akkużat daħal kontra l-one way ġewwa Sqaq Kordina. Illi mandakollu, ebda xhud tal-prosekuzzjoni ma identifika liema "Stop Sign" baqa' ħiereġ minnha u għalkemm din il-Qorti tassumi li kien hemm stop signs li ma ġewx rispettati, tali assunzjoni m'hijiex biżżejjed sabiex tinstab ħtija fis-seba akkuża.

B'hekk, il-Qorti tqis li għalkemm il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova s-sitt akkuża, ma rnexxiliex tipprova s-seba' waħda sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkunsidrat;

Illi dwar it-tmien akkuża, jirriżulta mill-analiżi mwettqa mill-Ispiżjar Godwin Sammut illi ma nstabux sustanzi illeċiti[17] fuq il-*joint* li ġie elevat mill-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBD-448.

B'hekk din it-tmien akkuża ma tirriżultax ipprovata sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikonsidrat;

Illi dwar l-addebitu tar-reċidiva, il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova in sostenn ta' dan l-addebitu u b'hekk il-Qorti qed tillieberaħ minnu.

Ikkonsidrat;

[17] Ara x-xiehda mogħtija fl-4 ta' Marzu 2022 a fol. 77 tal-atti proċesswali kif ukoll ir-rapport a fol. 79 tal-atti proċesswali.

Illi fir-rigward tal-għaxar akkuża, il-kondizzjonijiet tal-Ħelsien mill-arrest ġew ippreżentati mill-Ispettur Mark Mercieca[18] u kkonfermati mill-Ispettur Lianne Bonello bħala li kienu viġenti fil-mument li seħħew ir-reati odjerni.[19]

Illi l-kondizzjoni numru 4 tal-kondizzjonijiet tal-Ħelsien mill-arrest tistipola illi l-akkużat ma setax jikkommetti delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u dan taħt depożitu ta' €10,000 u garanzija personali ta' €30,000.

Illi l-Artikolu 579(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola illi meta persuna, waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delittli ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, *inter alia,* is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta. Il-Qorti, madanakollu, tista' tiddeċiedi li ma tapplikax dak l-artikolu, jew ma tapplikaħx fl-intier tiegħu jekk tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta'konsegwenza serja.

Illi l-Qorti tqis li l-akkużi miġjuba kontra l-akkużat huma ta' natura serja ħafna għaliex juru disrispett qawwi kemm lejn il-forzi tal-ordni u l-awtorità vestita fihom, kif ukoll lejn is-serenità u s-sigurtà ta' dawk li f'dan il-ħin inzertaw qed jużaw it-toroq li saq minnhom. Allaħares f'dak il-mument kien hemm persuna li kienet qed taqsam it-triq għax il-konsegwenzi tal-ispavalderija tal-akkużat kienu jkunu ferm aktar serji. B'hekk, il-Qorti hi tal-fehma li għalkemm m'għandhiex tapplika l-konfiska fl-intier tagħha, tali konfiska għandha tkun waħda konsiderevoli u b'hekk, tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti tara illi l-konfiska ta' ħamest' elef Ewro (€5,000) mid-depożitu mħolli hija meritata.

**Decide:**

[18] Ara x-xhieda mogħtija nhar il-15 ta' Ottubru 2021 a fol. 40 tal-atti proċesswali. Il-Kondizzjonijiet tal-Ħelsien mill-Arrest jinsabu a fol. 49 – 51 tal-atti proċesswali.
[19] Ara x-xhieda mogħtija nhar it-2 ta' Novembru 2022 a fol. 105 tal-atti proċesswali.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 13, 17, 96(a), 325(b) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Artikoli 15(1)(a)(2) u 55(1) tal-Ordinanza Dwar ir-regolamenti tat-traffiku (Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta) u Reg. 2, Taqsima II, Partita E(a) tar-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata (L.S. 65.05) qed issib lil Joseph Zammit ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', l-ħames, is-sitta u l-għaxar akkuża u qed tikkunannaħ għal sentejn priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' erba' snin mil-lum kif ukoll għal multa komplessiva ta' ħamest' elef u ħames mitt Ewro (€5,500) filwaqt li qed tilliberaħ mill-bqija.

Ai termini tal-Artikolu 15(2) tal- Ordinanza Dwar ir-regolamenti tat-traffiku (Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta) il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, għal żmien ta' sitt (6) xhur mil-lum.

Inoltre, l-Qorti qed tordna l-konfiska tas-somma ta' ħamest' elef Ewro (€5,000) mid-depożitu minnu mħolli permezz tal-kundizzjonijiet tal-Ħelsien mill-Arrest imposti fuqu permezz tad-Digriet ta' dina l-Qorti ippresejduta mill-Maġistrat (illum Imħallef) Onor. Dr. Neville Camilleri datati l-10 ta' Diċembru 2020 (Citazz Nru 171/2020).

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-akkużat iħallas lis-soċjetà Burmarrad Commercials Ltd is-somma ta' €1,950.34 rappreżentanti danni sofferti minnha fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AQZ-483.

Illi bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qed tordna lill-ħati jħallas is-somma ta' €203.03 lir-Reġsitratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali rappreżentanti spejjeż tal-espert Dr Godwin Sammut ingaġġat fl-inkjesta relattiva, liema perizja biss hija relevanti għal dawn il-proċeduri filwaqt li l-ispejjeż l-oħra huma relevanti għal proċeduri diversi.

Illi ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-

Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta’ priġunerija.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**